**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 39 – 8 ta' Ottubru 2014**

***Minuti tat-39 laqgħa tal-Kunsill tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar il-Ħamis, 8 ta' Ottubru, 2014.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis 6:30 ta' filghaxija sabiex issir Agenda Numru 39. Il-laqgha bdiet fis-7:00 p.m.

***Qabel ma bdiet il-laqgħa, l-Avukat Ian Micallef, bħala Kummissarju tal-Ġuramenti, ta l-ġurament tal-ħatra lill-Kunsillier ġdid, Joseph Fsadni, li kien ġie elett fil-bye-election li saret fit-22 ta' Novembru, 2014 biex jimtela l-post vakant mill-eks Kunsillier, Robert Tabone.***

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | Alfred Grixti | Sindku |
| | Philip Said | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Joseph Fsadni | Kunsillier |
| **Skużati:** | Thomas Agius | Vici Sindku |
| | Dr. Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| **Assenti:** | Ħadd | |
| **Pubbliku:** | Matthew Grima Connell u Simon de Domenico | |
| **Uffiċċjal prezenti:** | Paula M. Valletta | Segretarju Ezekuttiv |

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku Alfred Grixti ippropona li l-minuti ta’ Agenda Nru 38 jiġu approvati kif ipprezentati lill-Kunsilliera kollha. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Cain Grech.

**Dawk Favur;** is-Sindku Alfred Grixti, l-Kunsilliera George Cortis, Philip Said, Catherine Sammut u Cain Grech.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** il-Kunsillier Joseph Fsadni peress li din kienet l-ewwel laqgha tieghu.

Il-minuti ġew approvati (167).

## 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

2.1.1 Is-Sindku Alfred Grixti irrefera ghall-mawra li saret ghal Aggira **bejn is-26 u t-28** ta' Settembru 2014. Huwa qal li qabel ma l-grupp wasal Sqallija, kienet intbaghtet il-lista tal-kontingent kollu. Min-naha tieghu l-President tal-Comune tella' l-ismijiet **fuq il-paġna tal-**Facebook **tiegħu**. Kien ghalhekk li n-Nutar Philip Ellul kkumenta fuq is-sit ta' **Facebook** dwar ir-rapprezentanza mill-ghaqdiet tal-Knisja. Is-Sindku tenna jghid li fil-fatt ghaqdiet tal-parrocca kienu gew mistiedna pero ma kienu sabu 'l hadd min jirraprezentahom f'dawk it-tlett ijiem partikolari. Is-Sindku kompla jghid li meta fiehem dan kollu lin-Nutar Ellul, dan kien qallu li sfortunatament kien hemm min **ip**prova jinqeda b'xi kummenti sabiex jaghmel hsara lill-Kunsill fuq is-sit ta' facebook. Fl-istess konversazzjoni li saret fuq is-sit ta' facebook, kemm l-Arcipriet u anke' s-Superjur tal-Muzew vverifikaw li kienu kkuntattjati mis-Segretarju Ezekuttiv dwar din il-mawra.

2.1.2 Is-Sindku kompla jghid li nkluda lil Mario Borg fil-kontingent bhala l-persuna inkarigata minn Skola Sajf ta' Haz-Zebbug, kif ukoll lil Dr. Massimo Ellul, minhabba l-arrangamenti li kellhom isiru dwar il-gnien li kellu jinfetah ftit gimghat wara u li kelllu jkun simbolu ta' hbiberija bejn Enna u Haz-Zebbug.

2.1.3 Il-Kunsilliera Catherine Sammut qalet li kienet mawra verament interessanti u li fiha kulhadd ha pjacir. Is-Sindku wera ittra mibghuta mill-Kazin San Guzepp bhala ringrazzjament ghal din l-opportunita li nghataw zewg zghazagh membri tal-istess Kazin permezz ta' dan il-programm.

2.1.4 Is-Sindku qal li issa kien imiss li l-Kunsill Lokali jahdem mal-*Focus Europe* sabiex tingieb delegazzjoni **minn Agira** gewwa Malta.

2.2.1 Is-Sindku Alfred Grixti qal li jidher li l-problema tad-dawl ta’ Vjal il-Helsien issolviet. Skont ma ntqal mill-kuntrattur Micamed, kien hemm xi wire maqrus f’wiehed mill-arbli li kien qed jikkawza l-qtugh tad-dawl.

2.2.2 Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-Kunsill kien ghadu kif ghadda cheque lil Ritemix dwar it-tibdil fis-sistema tad-drenagg li saret fi Vjal il-Helsien, l-istess ammont li kien gie mibghut mill-Water Services Corporation li kien jkopri 95% tal-ispiza. B’hekk l-ammont li issa gie mhallas lil Ritemix fuq Vjal il-Helsien jammonta ghal Euro691,000. Dan ifisser li l-pagamenti huma koperti sa’ April 2015.

2.3 Is-Sindku Alfred Grixti qal Robert Tabone ser jibda fl-irwol tieghu ta Works Supervisor/Co-ordinator it-Tnejn 13 t'Ottubru 2014.

2.4 Is-Sindku Alfred Grixti tkellem dwar il-bzonn li jinbidlu l-computers li juzaw il-haddiema tal-kunsill. Barra minn hekk ghandu jkollu wkoll computer/laptop il-Works Supervisor/Co-ordinator. Is-Sindku propona li ghandha ssir din il-bicca xoghol bla ebda telf taz-zmien. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Joseph Fsadni.

**Dawk Favur;** is-Sindku Alfred Grixti, l-Kunsilliera George Cortis, Philip Said, Catherine Sammut, Cain Grech u Joseph Fsadni

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata (168).

2.5 Is-Sindku pprezenta r-rapport ppreparat mill-Bord ta' Aggudikazzjoni dwar it-tenders ta':

a. Accountant – Kien hemm zewg offerti; Paul Bugeja u 3 A Ltd.

L-ammont ta' l-offerta ta' Paul Bugeja kienet ta' Eur3958 fis-sena u tat-3A Ltd. kienet ta' Eur9,480 fis-sena. Il-Bord unanimament qabel li jirrakkomanda lil Paul Bugeja.

b. Marketing and Events Co-Ordinator – Kien hemm offerta wahda biss ta' M & E Management li kienet qed toffri s-servizzi taghha ghal Eur20 fis-siegha. Il-Bord kien qed jirrakomanda li tintaghzel din l-offerta. Meta l-Bord wasal ghal votazzjoni dwar ir-rakkomandazzjoni li kellu jaghmel, is-Sinjorina Christine Ciappara, sostituta ghal wiehed mill-membri ta' dan il-Bord astjeniet mill-votazzjoni.

Is-Sur George Cortis ippropona li l-Kunsill ghandu joqghod fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord. Is-Sur Joseph Fsadni issekonda din il-mozzjoni.

**Dawk Favur;** is-Sindku Alfred Grixti, l-Kunsilliera George Cortis, Philip Said, Catherine Sammut, Cain Grech u Joseph Fsadni

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata (169).

Sadanittant is-Sindku ppropona li jigi diskuss punt numru 5 fuq l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu.

**5. TALBA MIR-RESIDENTI TA' TRIQ DUN KARM DWAR ONE WAY SYSTEM FL-AKWATA**

5.1 Kienu diversi t-talbiet tul iz-zminijiet ghal sistema ta' One Way fl-akwata ta' Triq Dun Karm. Minhabba li z-zewg residenti ta' l-akwata kienu prezenti u xtaqu jsemmghu lehinhom dwar il-problema fit-traffiku li qeghdin jaraw, il-laqgha giet sospiza temporanjament fit:7:45pm. Il-laqgha tkompliet fit-8:00pm.

5.2 Is-Sindku Alfred Grixti ppropona lis-Sur Joseph Fsadni sabiex jistudja iz-zona mill-ghassa 'l isfel. Wara ghandha titressaq din it-talba lit-Transport Malta sabiex taghti d-direzzjoni dwar liema tkun l-ahjar soluzzjoni. Decizjoni tittiehed biss wara li jsir Public Hearing fejn ir-residenti kollha jkunu mistiedna jwasslu l-opinjoni taghhom.

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1 Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-vot tal-flus ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-vot tal-flus kien jammonta ghal Eur50,860.25. Ma' dan l-ammont wiehed irid jzid l-ammont pagabbli lil Kummissarju tat-Taxxi Nterni dwar il-pagi ta Awwissu 2014. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Cain Grech.

**Dawk Favur;** is-Sindku Alfred Grixti, l-Kunsilliera George Cortis, Philip Said, Catherine Sammut, Cain Grech u Joseph Fsadni

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata (169).

## 6. UPDATE DWAR IL-FTUH TAL-GNIEN TAL-GRAZZJA

**6.1** Is-Sindku Alfred Grixti qal li ghal din l-okkazjoni ser jattendi s-Sindku ta' Enna, kif ukoll delegazzjoni zghira. Ghal din l-okkazjoni gie mistieden l-Onorevoli Michael Falzon. Pero' dan ma jistax jattendi u minfloku ser jattendi l-Onorevoli Michael Farrugia.

**6.2** Permezz ta' dan il-Gnien, il-Kunsill applika sabiex jikkompeti ghall-kompetizzjoni tal- A+ Accessibility.

**6.3** Is-Sindku Alfred Grixti qal li intbaghtet talba lill-Transport Malta ndirizzata lill-Perit Antoinette Conti ghat-toroq kollha li ghadhom qatt ma nghataw wicc kif ukoll sabiex tinghata ghajnuna lill-Kunsill Lokali sabiex isiru t- toroq fiz-zona tal-Grazzja u ta' Hal Muxi.

**6.4** Il-gnien ser jibda jinfetah mit-8 ta' filghodu sat-8 ta' filghaxija fix-xitwa u fis-sajf sal-11 ta' filghaxija. Gie nkarigat wiehed mill-haddiema li hemm mislufa mill-ETC. Kien hemm qbil unanimu li dan jinghata kumpens ta Eur150 fix-xahar sabiex jaghmel dan kif ukoll li jiehu hsieb generali ta' dan il-gnien.

## 7. JUM HAZ-ZEBBUG

**7.1** Is-Sindku Alfred Grixti qal li ghal Jum Haz-Zebbug li din is-sena ser jigi ccelebrat fil-25 t' Ottubru 2014, it-tema ser tkun 'Tifkira mill-250 sena mill-mewt ta' Mikiel Anton Vassalli'. It-tieni parti ta' din is-serata ser tkun kollha kemm hi Laqgha tal-Lokalita ghal dawk kollha li jixtiequ jattendu. Ghal dan l-ghan ser jixxandar reklam fuq gazzetta lokali kif stipulat fil-ligi.

**7.2** Is-Sindku Alfred Grixti prezenta r-rapport kif preparat mis-Segretarju Ezekuttiv u minnu. Inqraw il-punti principali tar-rapport fejn il-Kunsilliera gew mitluba li jekk jixtiequ jzidu xi haga, jistghu jibaghtu l-kummenti taghhom lis-Segretarju Ezekuttiv. Sadanittant kull min jixtieq jaghti l-kummenti tieghu, lmenti jew suggerimenti jista' jibghat bil-miktub lis-Sindku jew lill-Kunsill Lokali.

**7.3** Is-Segretarju Ezekuttiv pprezenta z-zewg nomini li waslu ghand il-Kunsill:

a) Is-Sur John Gafa – Arkivista mal-Kazin Banda San Filep

b) Is-Sinjorina Jessica Micallef – ghamlet gabra ta' poeziji ta Manwel Dimech u ppublikathom fi ktieb mill-*Habs Ghall-Ezilju*.

Kien hemm qbil unanimu li dawn iz-zewg persuni ghandhom jinghataw Gieh Haz-Zebbug. Sadanittant kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill juri l-apprezzament tieghu lejn Marcello Sciriha, Tarcisio Laferla u Mario Bugeja ghall-hidma li jaghmlu gewwa Haz-Zebbug.

**8. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA**

8.1 Il-Kunsilliera Catherine Sammut qalet li tixtieq tibda tkun taf minn qabel x'attivitajiet ser isiru mill-Kunsill, sabiex hi tkun tista tikkomunika man-nies.

8.2 Il-Kunsillier Cain Grech pprezenta rapport dwar seminar fuq Crime Prevention u li kien qed ihallih fuq il-mejda sabiex min jixtieq ikun jista jarah.

**9. AGGORNAMENT**

Is-Sindku Alfred Grixti aggorna l-laqgha ghas-6 ta' Novembru 2014 fis-6:30pm. Il-Laqgha spiccat fid-9:05pm.

| | |
|---|---|
| **Alfred Grixti,** | **Paula M. Valletta,** |
| **Sindku.** | **Segretarju Eżekuttiv.** |